**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum l-Erbgħa, ħamsa (5) ta' Ġunju 2024

Kawża Nru 489/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Kurt Buttiġieġ**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Kurt Buttiġieġ**, iben John Paul u Gracelyn nee' Portelli, imwieled Rabat, Għawdex nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 2004 u residenti "Carob Shades", Flat 2, Triq il-Madonna ta' Lourdes, Nadur, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 26404(H) talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju 2023, għall-ħabta ta' nofsinhar (12.00hrs) fi Triq Xandriku, Nadur, waqt li kien qed isuq vettura tal-għamla Toyota IQ bin-numru ta' reġistrazzjoni ACX616:

(1) saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;[1]

(2) saq l-imsemmija vettura b'veloċita' li taqbeż il-limitu dak mitlub fil-liġi;[2]

(3) b'nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, għamel xi ħsara fuq il-vettura KBS143 tal-għamla Toyota Vitz għad-dannu ta' Annabelle Camilleri detentriċi tal-karta tal-identita numru 0111995(M);[3]

(4) b'nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq Joseph Portelli detentur tal-karta tal-identita numru 18057(G) hekk kif ġie ċċertifikat mit-tabib Dr.Daniel Desira MD 4652 mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.[4]

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, tissospendi l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat għal żmien li jidhrilha li huwa xieraq.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar id-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

---

[1] Artiklu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 127(1) tal-Kap 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 226(1)(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Il-fatt tal-każ huma s-segwenti: nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju 2023 għall-ħabta ta' nofsinhar (12:00hrs), il-Pulizija fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex ġew infurmati li kien għadu kemm seħħ inċident stradali fi Triq Ġemma Camilleri fin-Nadur bejn żewġ vetturi u li vettura minnhom kienet anke tajret raġel. Għall-ewwel ir-raġel li intlaqat ma deherx li weġġa' iżda imbagħad x'ħin daħlu tal-LESA huwa talab għall-ambulanza.

Il-Pulizija marru fuq il-post fejn hemmhekk sabu l-vetturi involuti fl-inċident: waħda tal-għamla Toyota IQ bin-numru tar-reġistrazzjoni ACX 616 li allegatament kienet qed tinstaq mill-akkużat Kurt Buttigieg u oħra tal-għamla Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni KBS 143 li allegatament kienet kienet qed tinstaq minn Annabelle Camilleri. Mill-investigazzjonijiet magħmula mill-Pulizija irriżulta li l-ħabta kienet seħħet fi Triq Xandriku, in-Nadur. Il-vittma li ittajjar ġie identifikat bħala Joseph Portelli. Huwa ittieħed fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex permezz tal-ambulanza għall-kura.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tinnota li l-vittma ta' dan l-inċident u ċioe Joseph Portelli baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri. Lanqas ma wera interess fl-istess. Infatti kif senjalat fil-verbal tas-seduta tal-ħamsa (5) ta' Ġunju 2024, Joseph Portelli baqa' ma għamel l-ebda kuntatt mal-Pulizija rigward dan l-inċident u lanqas ma ippreżenta kwerela biex il-Pulizija tieħu l-passi legali opportuni kontra l-individwu/i involuti. Lanqas ma kien preżenti virtwalment għas-seduta li kienet ġiet skedata sabiex jagħti d-deposizzjoni tiegħu. Dan minkejja li huwa ingħata l-opportunita li jagħmel dan. M'hemmx dubju li Portelli kien ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni u għalhekk kien fundamentali li huwa jixhed f'dawn il-proċeduri. Il-fatt li ma xehedx idgħajjef sostanzjalment il-każ tal-Prosekuzzjoni.

Apparti minn hekk, il-Prosekuzzjoni lanqas ma rnexxielha tistabilixxi min effettivament kien qed isuq il-vetturi involuti fl-allegat inċident. Għalhekk il-prova tas-sewqan ma saritx. Infatti kemm Annabelle Camilleri kif wkoll l-akkużat Kurt Buttigieg għażlu li ma jixhdux biex ma jinkriminawx lilhom infushom. Ix-xhud okulari Roderick Mizzi, li jiġi r-raġel ta' Annabelle Camilleri, wkoll wera x-xewqa li ma jixhidx biex possibilment lanqas ma jinkrimina lill-martu.

Għalkemm huwa minnu li ġie preżentat CCTV li juri l-ħabta u l-inċident, ma jirriżultax min effettivament kien qed isuq l-istess vetturi għaliex is-sewwieqa ma jidhrux fil-filmat. L-unika prova li hemm fl-atti huwa għalhekk l-affidavit ta' PS 698 Shaun Tabone, liema affidavit pero qiegħed sempliċiment jispjega r-rapport li sar u ma jitfax dawl fuq id-dinamika ta' kif seħħ dan l-allegat inċident. Apparti minn hekk l-istess Pulizija qiegħed biss jirrepeti dak li intqal lilu.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib lill-akkużat ħati tal-akkużi li qegħdin jiġu miġjuba kontra tiegħu għar-raġuni li l-provi prodotti mhumiex tali li jilħqu l-grad tal-prova mingħajr dubju raġjonevoli, liema grad ta' prova huwa rikjest għal sejbien ta' ħtija.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat</u>** ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur